MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 854/2011

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
vs
Rina Grioli

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 15 ta' April 2005, in atti Nutar Dottor Pierre Falzon (Dok. "A") is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenuta Rina Grioli;

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta Rina Grioli fis-somma ta' tnejn u sittin elf, sitt mija u erbghin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€62,640.34), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account"* ta' Rina Grioli mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B4"),

flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta’ Lulju 2011 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u esebit mar-Rikors Guramentat bhala Dokument “A”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Rina Grioli:

a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Rina Grioli li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuta Rina Grioli giet interpellata permezz ta’ ittra ufficjali datata 23 ta’ Frar 2011, li kopja taghha giet esebita mar-Rikors Guramentat u immarkata Dok. “C”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrenti talab lill-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u esebit mar-Rikors Guramentat bhala Dokument “A”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Rina Grioli (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Rina Grioli li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti, u

2. Tikkundanna lil Rina Grioli thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ tnejn u sittin elf, sitt mija u erbghin

Ewro u erbgha u tletin centezmu (€62,640.34), bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* taghha mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B4"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta' Lulju 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Frar 2011, kontra l-intimata li giet ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti mill-bank rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat in-nota ta' ammissjoni prezentata mill-intimata Rina Grioli fis-6 ta' Jannar, 2012.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta' l-intimata, il-Qorti qed tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi, partikolarment imma mhux esklussivament, billi Rina Grioli (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Rina Grioli li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Tikkundanna lil Rina Grioli thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tnejn u sittin elf, sitt mija u erbghin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€62,640.34), bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* taghha mal-Bank of Valletta p.l.c., flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta' Lulju 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Frar 2011, kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------